# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**92.** **4 ta' GUNJU 1910.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# Is-Sultan "George the Fifth."




ĠORĠ IL ĦAMES — « IS-SULTAN BAĦRI, » li tala fuk it-Tron ta'l Inghilterra u għalhecc ħa ucoll f'idejh il ħacma fuk il Gżejjer tagħna tŭieled f'Malborough House, f'it-3 ta' Ġunju 1865, u għalhecc illum għandu seŭŭa ħamsa u erbgħin sena u ġurnata. Mela it-3 ta' Ġunju, m'il-lum il kuddiem, tcun għalina il festa ta'l BIRTHDAY (tŭielid) tiegħu. Billi iż-żeŭġ nannietu, ir-Regina Vittorja ta'l Inghilterra u ir-Regina Lŭisa ta'd-Danimarca chienu it-tnejn ijħobbuh ŭisk katta tfulitu dakka ma'l ŭaħda f'Sandringham jeŭ f'Osborne u dakka ma'l oħra f'Bernstorff, f'id-Danimarca, pajjis ommu, ir-Regina Alexandra. Minn żgħuritu ŭera gibda cbira lejn il baħar, u ma satax jonkos għaliex ġo demmu ŭiret il ħila ta'l baħar nieżla minn mijiet ta' snin f'żeŭġ ġnus baħħara—l-Ingliżi u id-Danisi;—u għalhecc malli għalak it-tnax il sena, f'il 5 ta' Lulju 1877, daħħluh *gadett* fuk il frejgata «*Britannia*» fejn chien l-iżgħar ŭieħed fost il gadetti u fejn dam għal sentejn sħaħ taħt it-triegija ta'l Captan Fairfax. Ma tul dana iż-żmien studja b'il kalb u għamel l-eżamijiet biex laħak « *midshipman* » u għaddha minnhom bl-unuri collha. Bagħtuh allura fuk il bastiment b'il klugħ « *Bacchante* » li f'id-19 ta' Settembru 1879 telak biex ijdur daŭra ma'd-dinja u biex ijżur il Colonji collha ŭaħda ŭara l-oħra. B'hecc iż-żagħżugħ Ġorġ sata jara il pajjisi collha ta'l Imperu u jistudja il qŭestjonijiet u id-draŭŭiet tagħhom collha biex ijcun jista jifimhom aħjar. Dina id-daŭra damet għal ħames snin billi raġa daŭŭar denbu għal l-Inghilterra u ŭasal fl-1884. F'it-3 ta' Ġunju ta'l istess sena, igifieri dic inhar li għalak dsatax il sena, laħħkuh *sottatenent* u laħak *tenent* f'it-8 ta' Ottubru 1886. F'dina is-sena gie mibgħut fuk it « *Thunderer* » f'il Mediterran u haŭn chien gie fostna, u f'dac iż-żmien l-intelligenti fotografu Formosa chien ħadlu dana ir-ritratt li gibna u li gibnih għaliex hu tit-chira għażiża ta' meta is-Sultan maħbub tagħna chien ijgħammar fostna. Ftit ŭara għadda fuk id-« *Dreadnought* » u minn hemm għal fuk l-« *Alexandra* » li fukha għadda għal tliet snin sħaħ, u li f'dac iż-żmien

# EDUARDU SEBGHA.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

F'it-3 ta' April ta'l 1854 deher l-eũũel darba m'ommu fuk it-tron, f'Buchingham Palace meta ħabbrulha il gũerra ta'l Crimea. Fl-istess żmien, f'Osborne, chienu kiegħdin ijgħallmuh l-Istorja Naturali billi għamlulu mużeũ żgħir u is-snajja, u Edũardu tgħallem ta' carpentier tajjeb ħafna. Barra minn dana chienu jgħallmuh jaħdem ir-raba, u cull princep chellu ir-rokgħa tiegħu b'il għodda b'isimhom li għadhom merfugħa sa'l-lum. Chellhom ucoll ccina fejn chienu ijgħallmuhom ijsajjru u tortizza żgħira li chienu jassaltaũ u jiddefendu bejniethom. Minn dan għandcom taraũ li allavolja jcunu prinċpijiet u ma jcun jonkoshom xejn ijchissruhom għa'x-xogħol u jgħallmuhom sa's-snajja; f'il ħin li ħafna ulied il fokra biex ma ingħidx għonja ucoll jitrabbeũ f'il għass, bla ħila ta' xejn u bosta xebbiet ijmorru f'darhom bla ma jafu lankas jagħmlu froġa jeũ jseũũu fetka f'dublett.

★

F'is-sajf ta'l 1855 mar m'al familja sa Franza. L-Imperatur lakagħhom f'Boulogne-sur-Mer, il belt fejn sar l-eũũel Congress ta'l Esperanto, u daħlu f'Parigi fost festi u ferħ l-actar cbar. Il franciżi ferħu b'il Princep Edũardu ħafna għaliex kalu: « *qui est si gentil.* » Fl-1857 missieru ħadu fl-« *Art Treasures Exhibition* » ta' Manchester, Fl-istess sena telak m'il Inghilterra biex jagħmel daũra ta' sitt xhur ma'l Eũropa biex jitgħallem u jitħarreġ seũũa f'id-dinja. Fl-Isvizzera ħa pjacir tasseũ u laħak mexa għal għoxrin mil cull jum. Fl-1858 mar għamel daũra fl-Irlanda biex ra i famusi għadajjar ta' Killarney li hemm minn chiteb li huma l-isbaħ loc li haũn f'id-dinja. Ũara intgħalak f'il White Lodge ta' Richmond Park biex ijħejji ruħu għal l-eżamijiet militari. Fl-1858 għamlulu il griżma f'Windsor u kabel id-Decan Wellesley għamillu eżami ta' siegħa sħiħa li minnu ħareġ rebbieħ.

★

Meta laħħak id-dsatax il sena bdeũ nieżlin l-unuri fuku bħal xita. Bdeũ biex għamluh Cavalier ta'l Garter u Curunell fl-Armata. Ir-Regina ta' Spanja tatu l-Ordni ta'l « Golden Fleece; » u meta mar Berlin jara l-oħtu, li ftit kabel chienet iżżeũũget hemm, kala minn għand il Princep Reggent ta'l Prussja l-« Ordni ta'l Ajcla Seũda » li feraħ bih ũisk. Ũara għamluh K.T; K.P; G.C.B; G.C.I.S; G.C.M.G; P.C; Aid-de-Camp ta'r-Regina; Field-Marshal ta't-Truppi, Curunell-Cap ta'l « Life Guards, » ta'r-« Royal Horse Guards, » u ta't « Tenth Hussars; » Curunell-Onorarju ta'l « Oxford and Cambridge University Corps of Rifle Volunteers; ta't-Tielet Battaljun ta'l « Gordon Highlanders; » ta's-Sutherland Highland Rifles Volunteers u Captan-Onorarju ta'r-Royal Navy Reserve.

★

Edũardu beda il ħajja pubblica tiegħu meta ippresenta l-istandard lill « Hundredth Prince of Wales Royal Regiment of Foot, » f'Shorncliffe. Sa'l-lum chien dejjem taħt il madmad ta' ommu u misseru, u li ma rabbeũh katt imħejjem u katt ma taũh riħ żejjed. Ir-Regina allura chitbitlu ittra sabiħa ħafna fejn kaltlu li issa sar raġel u li rajh chien f'idejh. Edũardu meta kraha, tant missetlu kalbu, li infexx jibchi.

Haũn fettillu li jmur maũra sa' Ruma u jżur il Papa, żda il poplu tkankal u għalhecc ivvjaġġa taħt l-isem ta' Baruni Renfrew. Mar l-eũũel l-Olanda, u baka għaddejj minn Frankfort, Munich, Innspruck, Trentu u Verona u ũasal f'Ruma fi Frar u kagħad f'il Hotel des Isles Brittanniques fi Pjazza del Popolo. Il Princep Edũardu mar għamel żjara lil Papa Piu Disgħa u studja l-arti, b'cors regolari, u żar il ħũejjeġ sbiħ u rari li sata jara f'dic il belt cbira u antica. F'il Carnival ta' dic is-sena chera apartament għalih fuk il Corso u beda b'il perlini u b'il bucchetti jissotta chemm nisa chienu jgħaddu minn taħtu, u li f'loc li tgħerrxu actar bdeũ jiffullaũ biex ijcollhom tifchira ta' dana il Princep maħbub dejjem minn cullħadd u l-actar minn nisa għal ħleũũa u l-imġieba tajjba tiegħu. Meta telak minn hemm mar Gibiltà, Tangier, Cadiz, Xeres, Sivilja, Malaga, Granada fejn ra l-Alhambra, ũieħed m'il actar palazzi famusi li haũn f'id-dinja, u minn hemm mar Lisbona mnejn telak għal Londra.

★

Biex ijcompli l-istudji tiegħu mar fl-Università ta' Edinburgu. Dr. Lyon Playfair għallmu il Chimica ta'l Manifatturi; Dr: Schmitz, tedesc, l-Istorja Rumana; u compla tħarreġ seũũa f'it-taljan, f'il franciż u f'it-tedesc. Haũn studja ucoll seũũa il-Ligi b'Mr: Fisher bħala tutur tiegħu.

F'Ottubru mar f'Oxford fejn missieru mar katta ftit ġranet miegħu. Dana chien darrih li jbaccar f'il għodu u għalhecc f'it-tmienja chien dejjem ijcun il cnisja għa's-servizz reliġjus. Il Prof: Goldvin-Smith għallmu l-Istorja Moderna; il Canoncu Stanley l-Istorja Ecclesiastica; u id-Decan Liddell għinu ħafna ucoll fl-istudju tiegħu. Il-logħob tiegħu preferit chien it-tennis u chien ijħobb jakdef ucoll.

★

Billi ir-Regina Vittorja chienet ũiegħdet li għandha tibagħtu jżur il Canada, telak għal hemm ũara li spiċċa l-istudji f'Oxford. Ra baħar kalil sa' ũasal ma'l « Hero » iżda il ferħ li ferħu bih fi Newfoundland nessih collox. In-nisa sajjieda ta' hemm lakgħuh m'il aħjar u bdeũ ijgħajjtu: « *God bless his pretty face and send him a good wife.* » Dar il bliet il cbar ta'l Canada u f'ix-Xmara Suguenay katta ġurnata sħiħa jistad is-salamun. Ra ucoll il cascati ta'n-Niagara li geũũ imdaũũla bħala turija ta' gih lilu.

★

Fl-Istati Uniti chellu lakgħa sabiħa ħafna ucoll. F'Washington lakgħu il President Buchanan f'il *White House*. Mar żar il kabar ta'l cbir Washington fuk il Muntanja Vernon, u ħaũũel, b'tifchira, siġra ta'l kastan ma' genbu. Il President ũara chiteb l'ir-Regina Vittorja fejn kallha:— « *his conduct throughout has been such as become his age and station. Dignified, frank and affable he has conciliated, wherever he has been, the kindness and respect of all.* »

★

Malli ũasal l-Inghilterra raġa mar f'Oxford biex ijcompli ftit studju ieħor u minn hemm mar f'Cambridge, f'it-Trinity College, bħala *under-graduate*. Haũn studja l-Istorja u il Ligi Costituzzjonali, u il Prof: Kingsley taħ xi lezzjonijiet id-dar ucoll. F'is-sajf ta'l 1861 mar ijkatta il vaganzi f'il Curragh ta' Kildare ma'l *Grenadier Guards*; u ũara mar m'ommu u missieru f'Killarney. F'Settembru ippresenta il bandiera l'is-36 Riġment f'Curragh. Minn hemm telak għall Germanja biex jara il Manuvri Prussjani. Iżda barra minn dan chellu ħsieb ieħor, igifieri li jiltaka ma'l Principessa Alexandra ta'd-Danimarca, li chellha ucoll tinżel sa'l Germanja biex jara togħgħbux ħalli jitgħarras magħha.

Daŭna iltakgħu fi Speier u f 'Heidelberga; fl-24 u il 25 ta' Settembru, u malli raŭ il xulxin ingibdu b'imħabba cbira billi il Principissa chienet ŭaħda m'il isbaħ li chien haŭn u il Princep chien ucoll ijsaħħar il cull min jarah.

★

Meta raġa mar l-Inghilterra kagħad ftit f 'Balmoral ma'l Princep Lŭigi ta' Hesse, u minn hemm telak għal Cambridge biex ijcompli l-istudji. Taŭħ fejn jokgħod il Marlborough House. D'il ħabta miet missieru, il Prince Consort Albertu, u dina it-telfa ŭakkgħet lilu u lil poplu ingliż collu f 'nichet cbir. Dana ġara fl-14 ta' Dicembru, ŭara li ŭassal sa'l kabar il missieru f 'Saint George's Chapel mar katta ftit ġranet m'ommu f 'Osborne, biex ijsabbarha.

★

Fi Frar ta'l 1862 telak minn Dover biex jagħmel vjaġġ f 'il Lvant, għaddha minn Darmstadt, Munich u Vjenna għal Venezja, mess Cattaro u bliet oħra fuk il costa ta'l Albanija, mar Corfu, Lixandra, u il Cajr fejn il Vici-Re Said Baxa lakgħu f 'il palazz ta' Kasr-el-Noussa f 'it-triek ta'x-Xubra. Haŭn mar jara il famusi Piramdi, u tala ma'n-Nil sa'l eŭŭel catarratta. Dar ucoll il bliet cbar ta'l Egittu ta' Fuk u ŭara li raġa niżel Lixandra telak għal Ġaffa biex mar Gerusalemm ħalli jżur il-lochijiet imkaddsa fejn garrab tant tbatija Sidna Gesù Cristu. F'il Palestina katta tliet xhur sħaħ. Għadda minn Costantinopli fejn gie milkugħ b'festi cbar m'is-Sultan ta't-Toroc, u ŭara li mar ra Ateni, il belt capitali ta'l Greċja, gie jżur lilna ucoll haŭn Malta, fejn saritlu lakgħa sabiħa u cbira tasseŭ. Imħabba din il miġja issemmiet it-triek il ġdida u principali ta' Ta's-Sliema *Prince of Wales Road* u il misraħ ta' Ħa'ż-Żabbar *Prince of Wales Square*, u il Banda ta'l Istilla *Prince of Wales Band*. Minn haŭn mar Marsilja għal Parigi fejn mar ijżur l-Imperatur f 'Fontainebleau.

★

Il familja reali ta'd-Danimarca marru jżuru is-Sultan ta'l Belġju. Ir-Regina Vittorja marret ucoll u il Princep Edŭardu ŭasal ftit ŭara, u l-għerusija tiegħu ma'l Principessa Alexandra tgħakkdet f 'il Palazz ta' Laeken. Dina l-aħbar intgħoġbot ŭisk m'il Ingliżi. D'il ħabta daħal f 'il Camra ta'l Parlament. Il għarusa marret l-Inghilterra u hu mar lakagħha fi Gravesend, f 'Marzu ta'l 1863, u il poplu collu, b'folol cbar, lakagħha ucoll b'ferħ bla tarf. Il belt ta' Londra bdiet biex tagħmlilha l-eŭŭel rigal b'turija ta' imħabba, u tatha cintill u par imsielet ta'd-djamanti li kamu GĦAXAR T-ELEF LIRA! It-tieġ tagħhom f 'il Cappella ta' S. Ġorġ, chien ŭieħed m'il isbaħ festi li katt saru fl-Inghilterra. Il Princep Edŭardu taha bħala rigal ta't-tieġ, cintill, par imsielet u brazzuletta ta'l ġaŭhar li kamu il flus il cbar u li libsithom dic inhar ta't-tieġ. Il mixilgħha f 'il bliet collha chien tasseŭ fiha x'tara. Il *luna di miele* marru kattgħuha fl-Isle of Wight, billi Edŭardu chien ijħobbha ŭisk. L-eŭŭel darba li deħru flimchien chien fl-esposizzjoni ta'r-Royal Academy. Billi chienu marru jokgħdu fi Frogmore hemm tŭieldet l-eŭŭel tarbija, f 'it-8 ta' Jannar 1864. Il dan taŭħ l-isem ta' Albert, Victor, Christian, Edward u parrintu chienet ir-Regina Vittorja stess, u meta għammduh libbsuh l-istess libsa, chif ġa għidna, li chellu fuku meta għammdu il Princep Edŭardu stess.

(*Jissocta*).

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

IBŻGĦU ĦAFNA LI MA TIRRUCCAŬX MA XI BNIEDEM LIBERTIN. Ommcom u missiercom għandhom dejjem ijgħassu fukcom biex tibkgħu bla tebgħa f 'gieħcom iżda ma għandhomx ijħallucom f 'il għama ta'd-dinja u ta'l kerk tagħha għaliex L-INJORANZA MA HIX VIRTU'; u għalhecc hemm bżonn li jfehmucom tajjeb li haŭn irgiel *sodi* u irgiel *libertini* u x'inhuma daŭn ta'l aħħar u chif tagħirfuhom biex taħarbu minnhom f 'il ħajja bħal pesta għaliex in-nifs biss tagħhom faħxi jista jtebbgħilcom isimcom bla ma tintebħu u jcollcom ħtija.

Daŭna ma jħobbucx għax int int iżda biss għax int mara sabiħa u simpatica, iżda malli tidbiel u jidraŭc ijmorru jħabbtu bieb ieħor biex ijfittxu dac li intefa fic. «*I libertini sono cattivi mariti e spesso anche pessimi padri. Nella loro moglie come in generale in tutte le donne, essi non vedono che la femmina. E l'amano o piuttosto la desiderano finchè è giovane e bella; sprezzandola appena cade sul suo capo la prima neve o compare sul volto la prima ruga.*» Daŭna collha meta il mara tagħhom tlaħħak l-erbgħin sena jibdgħu jgħidu bħal dac il flien coċċ lakx bħalhom: «Għala meta il mara tlaħħak l-erbgħin sena ma tistax issarrafha fi tnejn ta' għoxrin il ŭaħda bħal ma issarraf lira f 'żeŭġ nofs liret bla ħadd ma jċanfrec?»

Meta żagħżugħ jersak fukec u ijchellmec u jitfagħlec għajnejh f'għajnejc fitti fitti u daħcana, u meta f'loc li jitfixchel ijfixchel lilec u jgegħlec bla ma trid tbaxxi għajnejc, aħrab minnu!

Jecc jibda issa jrid jirranġalec il libsa f 'ballu, jeŭ ijkegħidlec xagħrec seŭŭa, jeŭ ijpoġġilec fjur li ŭakagħlec jeŭ jirfsec biex ŭara jiscuża ruħu, aħrab minnu!

Jecc meta tatih idec ijżommha ħafna ġo idejh jeŭ jagħfashielec actar milli jinħtieġ, aħrab minnu!

Jecc meta jisilfec xi ctieb x'takra issib xi sinjal f'xi taċċata fejn hemm xi stampa jeŭ xi cliem laxc, aħrab minnu!

Meta żagħżugħ ijcun sod u jersak biex ijchellem xebba li jħobb għandu jersak lejha b'il kima collha u bla ebda ħsiebijiet faħxin. Jecc le, ma għandux il vera imħabba tħaġġeġ f 'sidru u kiegħed jersak lejc biss għal capriċċ ta' moħħu biex ŭara jitilkec u jinsiec.

Binti, aħjar tiecol il ħobż b'il melħ ŭara bieb milli tlakka xortic ma' bniedem minn dina il pezza, li ŭara li tcun tajtu il fjur ta' xbubitec u ta' ġmielec jitilkec u jarmic bħal biċċa lumija magħsura f 'il ġuħ u f 'il għera, b'xi ċorma tfal ma' djulec, biex hu is-sold li jakla jberbku ma' mara oħra, biex dina bi flus żeŭġec tilbes u tiddandan u tgħaddi minn kuddiem biebec titbissem u tiżżeglec biex taksamlec u ittertaklec kalbec f 'elf biċċa sa timmarsuttlac. U għal żeŭġec ma tistax, għaliex lankas il-Ligi, billi għamluha l-irgiel, ma tatic braċċ għaliex jista jicrilha bieb ma bieb ħdejc, joħrogħa b'carrozzin f 'għajnejn cullħadd, u imkar jecc jieħodha f 'soċjetà illum il moda hi li cullħadd jilkagħha u jistmahielu. Iżda inti allavolja imżebilha fl-actar ħaġa għażiża li għandec, allavolja imsaŭŭta u b'il ġuħ ma' uliedec, allavolja mirfusa minn mara oħra bħalec, ma tistax tarfa rasec, il-Ligi u id-dinja huma collha contra tiegħec, inti ma għandecx ħlief issofri, tibchi, tixrob sa l-ankas katra dan il calci ta' imrar kalil collu, għandec tmur int taħdem u issakkaf ŭiċċec għalic u għal uliedec, għandec inti ŭaħdec b'ħiltec tħares ruħec u l-uliedec m'il kerk u m'it-tiġrif collu ta'l ħajja li actar jicber ma' dŭarec; għaliex jecc inti, mara mirfusa, imsaŭŭta, imgeŭŭħa, bla ħobż biex trejjak l-uliedec, mitluka u imżebilha minn dac li tajtu xbubitec u il fjur ta' ġmielec, jigi mument ħażin fukec u

bħala kasba dgħajifa f'buffura kalila tmil rasec, malajr issib disa irgiel oħra bħal żeŭgec, li jsejjħulhom ġurati, u imħallfin irgiel bħal żeŭgec li b'il ligi li ħalku irgiel oħra bħalhom jitfgħuc il ħabs u jimmarcaŭlec b'in-nar ta'l infamja ġbinec, u id-dinja f'loc ņogħdrija, f'loc ħniena, f'loc maħfra bħal ma għallem Cristu, ma tixħetlecx f'ŭiċċec ħlief tcasbir u insulti l-actar ħorox.

Mela ġa la darba id-dinja hi imgħarrka u ma fi ħsiebhiex tisseŭŭa għal issa iftaħ għajnejc tajjeb li ma iddendilx cusec ma' xi ragel karrieki li jŭasslec f'xi tabxa bħal din. Hu ragel li jħobboc għax int int u m'hux biss għax int mara; u li meta jitbielu b'is-snin il ġmiel u iż-żgħużija jibka jsib fic x'jiġbdu lejc u lejn il familja daŭc il qŭalitajjiet morali u intellettŭali li jcun ħabbec ucoll għalihom.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

(*Jissocta*).

# Il Mistoksija oħt il Għerf.

**Lil B. S.** (Ħamrun).

L-EŬŬEL DARBA LI L-ART LI SAB COLOMBO ĦADET L-ISEM TA' AMERICA chien fl-1507 f'il ctieb ta' Waldseemuller li chien jokgħod f'il belt ta' Saint Diè, f'il Vosgi, u li għalhecc ftit ilu kiegħdu irħama fuk id-dar ta' dana il geografu b'chitba biex tfaccar dina il ħaġa. Roosvelt chien mistieden biex ijkiegħidha hu izda ma satax ijmur.

**Lil S. P.** (Il Belt).

IL PAJJISI LI FIHOM IL ĦAJJA HI L-IRĦAS huma :— l-Italja, il Belġju, Spanja, il Lussemburgu, il Portugall, l-Isvizzera u Franza. Hi ftit ogħla f'il Baviera, f'id-Danimarca, f'il Montenegru, fl-Isvezja u f'in-Norveġja. Actar għalja fl-Aŭstrija, fl-Ungherija, f'il Gran Brettanja, f'il Greċja u f'il Balcani. Actar għalja fl-Egittu, f'il Persja u f'ir-Russja. Actar għalja fl-Aŭstralja, f'iċ-Cina, fl-Indja, f'il Corea, f'l Ġappun u f'is-Siam. Actar għalja fl-Africa ta' Fuk, ta'l Lvant u ta'l Punent, fl-America ta'n-Nofs u t'Isfel u fl-Antilli. F'Malta hi m'il orħos.

**Lil S. F.** (L-Isla).

L-ACBAR DREADNOUGHT LI VARAŬ S'ISSA HI IL COLUSSUS. Isimha magħha. Dina imbniet f'il bacin ta' Clyde u giet varata f'id-9 ta' April li ħareg kuddiem xi miteijn elf ruħ! Din hi id disa *Dreadnought* li varat l-Ingħilterra. Il flixcun ta'x-*xampanja* li jchissru meta tvara xi frejgata chissritu Lady Colebrooke. Dana il *Colussus* ma hux biss l-acbar *Dreadnought* li katt varat l-Ingħilterra izda l-acbar bastiment li għadu katt deher f'ŭiċċ il baħar! Iġgib tnejn u għoxrin elf tunnellata u hi tŭila 180 metru igifieri ma's-sitt mitt pied! Nistgħu mela nibkgħu inċantaŭ bla ma jidħku bina ir-«*Rule Britannia, Britannia rule the waves*» għaliex l-Ingħilterra chienet u naħseb li tibka hi ir-REGINA TA'L BAĦAR.

**L'is-Sinjura P. B.** (Il Belt).

IVA, IR-«RUBNIT» HU VERU BARCA F'ID-DAR. Jiena ippruvajtu ġa għal bosta drabi u sibt li dac li intkal fl-avvis hu collu minnu. B'ir-«Rubnit» tiffranca il ħassiela għaliex billi tiffranca l-għeric collu u ma hemmx ħlief ftit tgħollija u tlaħlih cull mara dana ix-xogħol ħafif tista tagħmlu hi jeŭ tista tkabbat tagħmlu l'is-seftura jecc ijcollha. Tirbaħ ucoll ħafna f'il ħin għaliex dic il ħasla li dari chienet tiħu ġurnata xogħol, b'ir-«Rubnit» f'sagħtejn tista issir. Meta dari f'ħasla chien ijmur fuk ratal sapun, meta tuża ir-«Rubnit» lankas ijmur qŭart, u b'hecc hemm economija cbira. Il ħŭejjeġ jiġu bojod daks il carti, ŭisk actar minn meta taħsilhom bl-għeric, u jibkgħu rotob u ċari ħafna, u billi, meta tuża ir-«Rubnit ma tridx tuża soder, u f'ir-«Rubnit» ma hemm xejn li jagħmel ħsara, il ħŭejjeġ ijservu actar. Milli kiegħda tara l-użu ta'r-«Rubnit» ma fihx ħlief ħafna vantaġġi u franchizza cbira, u għaldakstant nitma li tibda tużah inti ucoll. Fl-istess ilma ta'l bojod il ħŭejjeġ ta'l culur jinħaslu tajjeb ħafna u ma jitfux, u bl-ilma li jibka tista taħsel l-art bih. Biċċa «Rubnit,» li isservic għal ħasla ta'l gimgħa, ma tisŭiex ħlief TLIET SOLDI BISS, u tinbiegħ il Belt għand is-Sur Wagner ta' Str: Zaccaria u Ta's-Sliema għand il «Britannia» fi Str: It-Torri.

L. L. I.

**Lil P. R.** (Rabat).

Iva, KATRA ILMA TA'X-XITA TISTA TOKTOL BNIEDEM chiecu ma chienx hemm l-arja li ittellifha f'il giri tagħha. Cull ħaġa li taka m'il għoli actar ma tersak lejn l-art actar iżżid f'il giri bi tnejn u tlietin pied cull minuta seconda. Li ma chienx hecc chiecu taka minn mogħla ragel jeŭ minn mogħla elf mil chienet issir ħsara ŭaħda, izda billi meta taka minn mogħla elf mil iżżid actar u actar f'il giri, is-sabta tcun actar kaŭŭija u għalhecc il ħsara actar cbira. Chiecu ma chienx hemm l-arja li iżżomm l-ilma fl-ajru chiecu dana chien m'id-dinja jingibed f'dakka u katra minnu biss billi chienet taka minn għoli cbir ħafna u b'ħeffa ucoll cbira chienet tcun b'iż-żejjed biex ittakkab gisem ta' bniedem l-istess bħal balla ta' revolver u toktlu. F'iċ-Cina jużaŭ dana il martirju billi jorbtu l-iccundannat b'mod li ma jistax ijkankal rasu u m'il għoli ijkattrulu għal żmien tŭil l-ilma fuk rasu sa chemm fost ugiegħ bla tarf ijtakkbuhielu u joktluh. *Guttae cavant lapidem*—b'il ktajra il ktajra tħaffer il blat—chienu jgħidu l-antichi u b'il beŭs ħaffru siek San Pietru ta' Ruma li hi ta'l bronż. Mela imkar rixa chiecu ma chienx hemm l-arja li tilkagħha u tniżżilha b'il mod chiecu titlakha m'il għoli ferm ferm chienet tista toktol bniedem. Fl-eŭŭel seconda ħaġra taka sittax il pied.

# LOGħOB.

It-tifsira ta't-Taħbil-il-Moħħ ta'n-numru ta' kabel hi din :—

23 4/8
67 5/10
9
———
100 —

## TAĦBIL IL MOĦĦ.

Bidŭi li chien jagħmilha tajjeb ħalla collox l-uliedu. Nofs gidu collu lill ibnu il cbir, m'it-tlieta ŭaħda ta' gidu collu lill fustani u m'id-disgħa ŭaħda ta' gidu collu lill ibnu iż-żgħir. Biss ŭiddibhom li meta jaksmu ma chellhom joktlu xejn. Dana il bidŭi meta miet ma ħalliex ħlief sbatax il barri biss. Chif għamlu biex kasmuhom bla ma katlu l-ebda ŭieħed minnhom?

Is-SEA-VIEW HOTEL ta't-triek il Ġdida ta' San Giljan, għaddha taħt it-triegija ta' ĠUŻE' CAVALLO u għalhecc cull min ijcun l-hemm u jgħaddi biex jieħu grog jeŭ calazzjon ma'l familja, billi jsib collox m'il aħjar, collox nadif, nies ilkugħija u collox b'irħis, sgur li joħrog cuntent u jtenni.

# TRID TGĦIX ĦAJJA ĦIENJA ? ? ?

( DIALOGU VERU. )

A :— Bert, x'għandec, jakaŭ ma tiflaħx ?

B :— Ma tantx inħossni fiha, Anġ.

A :— Jakaŭ xi tħoss ?

B :— Lankas naf infissirlec collox; ġismi inħossu irmazzat, tkil ċomb, il ġogħi donnħom svitati, negħja minn xejn, malli nitla taraġ jeŭ nimxi ftit nakta nifsi u narma nilħeġ; ma għandi aptit ta' xejn ħlief li nokgħod ŭaħdi nibchi fuk li ġrali u fuk li gejj fuki, ma għandi l-ebda ħajra għa'x-xogħol u l-ankas għa'n-nies, marridx ħlief inredden fuk il gŭaj tiegħi, l-istoncu hu ħażin u ma għandi aptit ta' xejn, norkod ftit u ma's-sebħ, u f'il għodu inħossni actar għajjien minn f'il għaxija, ma narax ħlief dbieben kuddiem għajnejja, ma nismax ħlief żanżin f'ŭidnejja, għandi togħma ħażina f'ħalki, ugiegħ u tingħiż f'daħri, tokla f'rasi, nukkas ta' memorja, ninkata minn xejn, nara collox bi cbir, nieħu fastidju għal cull ċajta, għandi f'rasi li cullħadd jobgħodni, li sejjer jiġrili xi ħaġa cbira...

A :— B'iż-żejjed, fhimtec, taf x'għandec ?...

B :— Le...

A :— Dac li chelli ftit żmien ilu jien—**Nevrastenija** id-dokk l-iscotti.

B :— Mela kbadt it-triek ġmieli għal Ŭied Incita hux ?

A :— Jecc ma ticcurax ruħec seŭŭa...

B :— Mela għal dina il marda tant cherha sabu xi cura ?...

A :— Dan l-aħħar iva, sabu cura miraculusa tasseŭ għaliex ippruvajtha jien stess...

B :— Tasseŭ ?? X'inhi ??? Mur ara chemm tkum flus! Hemm bżonn issiefer ?...

A :— Xejn minn dan collu; ma tonfokx ħlief ftit xelini u tarġa tigi b'saħħtec daks li cont. Dana hu l-**Antinevroticu** fuk ricetta ta'l għaref **Prof: DE GIOVANNI.**

B :— Ippruvajtu !! Ma rajt l-ebda gid...

A :— Possibbli ? Chemm il flixcun ħadt ??

B :— Tnejn sħaħ...

A :— Għal marda tiegħec hemm bżonn li biex tekridha m'il kiegħ tieħu għallankas erbgħa jeŭ nofs tużżana u tara chif tfiek tasseŭ...

B :— Tgħid ? Narġa nipprova ?...

A :— Isma minni compli hu ftit fliexchen seŭŭa u la tixrobx spirti u tara chif kiegħed inchellmec ta' veru ħabib...

B :— Mela nisma minnec... Arani sejjer għand is-Sur **FRED CUMBO,** l-Ispiżżjar ta' Strada Rjali, ta'l Belt, ħalli nixtri flixcun ieħor...

A :— Tagħmel seŭŭa ! Saħħa, Bert, u mitt sena risk...

B :— Saħħa Anġ u grazzi ħafna ta'l gid li tixtiekli.


Min hu marid bl-ANEMIJA (nakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**



Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħargu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.



**SCOLA TA'T-TIFSIL.**

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rġiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il PROF: VINCENZO GRECH li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.



**L-OSSIGENU**

li illum hu tant użat f'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqŭida) sab chif minn dina l-arja liqŭida joħroġ l-

**OSSIGENU PURISSIMU**

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

**HAUN MALTA**

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispiżżjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f'loc li jokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.



**BRITANNIA**

STABILIMENT Ġ'DID

**Ta' Ferramenti, Għodod, Ħuejjeg ta' Chimica u Fotografija, Żebgħa, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l aħmar, ta'l abjad, u ta'l caŭba.**

**Collox m'il irħas u m'il aħjar.**

**BRITANNIA**


**IS-SAĦĦAR FALZUN**

Billi dana ir-romanz patriu-originali intgħoġob ŭisk u ħafna li ma chienux imsieħbin f'in-« Naħla » xtieku jakraŭh, dalŭakt toħroġ fi ctieb l-eŭŭel taksima. It-tieni taksima tibda tidher ma iddumx f'in-« Naħla » u m'hux sgur li ŭara toħroġ ucoll fi ctieb jecc l-eŭŭel taksima ma tinbiegħx collha.

## FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud. m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegh-din l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa ju-mejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**